Minuti tal-Laqgħa Nru. 14 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 26 ta’ Mejju 2008 fl-4.30 p.m..

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Skużat:** | Dr Frank Psaila<br>Is-Sinjura Luċia Massa<br>. |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mozzjonijiet
5. Ħlasijiet

**1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 13. Il-Kunsill laqa' talba tas-Sur Victor Caruana biex tiġi emendata l-aħħar sentenza ta' para. 5.4 billi tiġi tinqara **''Din għaddiet b'vot unanimu''**. Wara, il-minuti ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joe Scicluna ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**2. REFERENZI GĦALL-MINUTI**

2.1 Riferenza għall-Minuti ma kienx hemm.

**3. KORRISPONDENZA**

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sas-26 ta' Mejju 2008, fosthom ;

a) e-mail mill-kumpanija *GO* li titlob il-permess biex jitwaħħal kabinet ġdid fi Triq Dun Ġużepp Debono fuq il-bankina qrib il-maħżen ta' l-armar. Peress li t-talba ta' *GO* ma kinetx ċara il-Kunsill iddeċieda li ssir laqgħa bejn GO u l-Viċi Sindku ħalli jiġu ċċarati xi affarijiet.

b) petizzjoni minn residenti mill-aħħar parti ta' Triq il-Karmnu li titlob biex dik il-parti tat-triq (mill-OK Bar sa l-istabbiliment tal-Mambra) tiġi *one-way* billi t-traffiku joħroġ 'il barra biss lejn Triq San Tumas. Il-Kunsill qabel li dwar din it-talba jieħu parir u għalhekk tintalab laqgħa mas-Supretendent Ray Zammit.

c) ittra mill-*U-Communications Ltd.* li tistieden lill-Kunsill jieħu sehem fil-programm **''Waslet il-festa ... ... mill-Kunsill''** li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fit-8.30 p.m. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem u approva l-ħlas ta' *58 Euro.*

d) ittra mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali li titlob lill-Kunsill jidentifika żoni għat-tħawwil ta' siġar. Il-Kunsill identifika dawk is-*soft-areas* li hemm fi Triq Ħal Qormi, Luqa

e) ittra mill-Ambaxxata Taljana f'Malta dwar il-possibilita' li jerġgħu jiġu stabbiliti kuntatti mal-belt ta' Amalfi għal possibilita' ta' ġemellaġġ. L-ittra ġiet mgħoddija lis-Sur Joe Piscopo biex jieħu azzjoni.

f) ittra tal-Kunsillier Joe Piscopo li tgħid li lest jaħfer u jinsa l-inċident li kellu fi Fiumicino, mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sur Michael Borg.

fi) Wara li talab u ngħata l-permess tas-Sindku, is-Sur Michael Borg qal li peress li l-ittra tas-Sur Piscopo tagħti l-impressjoni li hu (Borg) huwa xi wieħed vjolenti u aggressiv, kien qiegħed jirriserva d-dritt li jwieġeb għall-ittra tas-Sur Piscopo fil-mument opportun

- Il-Kunsill innota l-korrispondenza kollha li daħlet mill-MEPA sas-26 ta' Mejju 2008.

- Wara s-Sur Caruana informa lill-Kunsill dwar żviluppi li kien hemm mal-Kappillan fuq in-niċċa proposta għal Triq Dr Ġ. Debono. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill għandu jagħmel talba lill-Kappillan permezz ta' ittra u li fin-niċċa jitpoġġa kopja tal-kwadru u mhux l-oriġinali.

- Is-Sur Caruana talab biex il-*parking* għal persuni b'diżabilita li hemm fi Triq id-9 ta' April jiġi trasferit għal-Misraħ il-Knisja fil-*parking bay* ta' ħdejn it-tieqa tal-Kappillan. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir ħlas ta' *233 Euros* (Lm100) b'konnessjoni max-xogħol tar-rampa.

- Il-Kunsill qabel ma' suġġeriment tas-Sur Caruana biex fis-sit ta' l-ex miżbla ta' Triq Valletta ikun hemm *parking area* għal dawk li jaħdmu f'dik iż-żona. Dwar dan għandha tintbagħat ittra lill-Ministru Ġorġ Pulliċino.

- Il-Kunsill qabel ma' proposta tas-Sindku biex isir ''*pigeon holes*'' għall-Kunsillieri fejn tinxteħet il-korrispondenza li taqa' taħt il-kadesteru tal-Kunsillieri rispettivi.

**4. MOZZJONIJIET**

4.1 Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna u ssekondata mill-Kunsillier Joseph Camilleri tgħid : **li l-Kunsill japprova x-xiri ta' *Public Address System (P.A. System)* kif ukoll standard tal-Kunsill.**

4.1.i Wara introduzzjoni u diskussjoni qasira, din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**5. ĦLASIJIET**

5.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sas-26 ta' Mejju 2008 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fil-5.40 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

  - Konfermati llum ___ ta' Ġunju 2008.

____________________ ____________________

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv